

31999R2765

30.12.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 338/1

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2765/1999****tas-16 ta' Diċembru 1999****li jemenda l-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 3846/87 li jistabblixxi nomenklatura tal-prodotti agrikoli għal rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabblixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3846/87 tas-17 ta' Diċembru 1987 li jstabblixxi nomenklatura għal prodotti agrikoli għal fondi ta' l-esportazzjoni<sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2605/1999<sup>(2)</sup>, u partikolarment l-aħħar paragrafu ta' l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KEE) No 3846/87 jipprovdi għall-pubblikazzjoni tal-verżjoni sħiħa tan-nomenklatura tar-rifondi li għandha tkun użata mill-1 ta' Jannar ta' kull sena kif isegwi mid-disposizzjonijiet regolatorji dwar l-arranġamenti għall-esportazzjoni tal-prodotti agrikoli<sup>(3)</sup>;

- (2) Akkont għandu jittieħed ta' l-emendi tan-Nomenklatura Magħquda introdotti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2204/1999 tat-12 Ottubru 1999, li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u ta' l-istatistika u tat-Tariffa Doganali Komuni<sup>(4)</sup>, applikabbli mill-1 ta' Jannar 2000,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness mar-Regolament (KEE) Nru 3846/87 jiġi mibdul bl-Anness ta' hawnhekk.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2000.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, is-16 ta' Diċembru 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 366, ta' l-24.12.1987, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 316, ta' l-10.12.1999, p. 32.

<sup>(3)</sup> Inkorporat fl-Anness ma' dan ir-Regolament huma l-emendi li jirriżultaw mill-adozzjoni tal-miżuri li ġejjin:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 381/1999 (ĠU L 46, ta' l-20.2.1999, p. 28),

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 565/1999 (ĠU L 70, tas-17.3.1999, p. 3).

<sup>(4)</sup> ĠU L 278, tat-28.10.1999, p. 1.

ANNEX

**NOMENKLATURA TA' PRODOTTI AGRIKOLI  
GĦAL RIFONDI FUQ L-ESPORTAZZJONI**

Ara: Ir-Regolament tal-Kummissjoni 2180/2003, ĠU L 335, tat-22.12.2003, minn paġna 1 sa paġna 51.

---